# St BENEDICT COLLEGE

Skola Sekondarja
Triq il-Fdal Paleokristjani,
Ħal Kirkop KKP 1341, Malta
Tel: 25984400

Secondary School
Il-Fdal Paleokristjani Street,
Kirkop KKP 1341, Malta
Tel: 25984400

It-8 ta' Ġunju 2022

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

Filwaqt li nisperaw li tinsabu tajba, ħassejna l-ħtieġa li nagħmlu kuntatt magħkom b'informazzjoni neċessarja qabel ma nispiċċaw din is-sena skolastika.

**ĠBIR TA' KOTBA**

Bħalma jsir ta' kull sena, il-librara ppreparaw il-kotba li l-istudenti għandhom bżonn fis-sena skolastika li ġejja biex intom tkunu tistgħu tiġbruhom u jkunu għand uliedkom qabel ma nibdew is-sena skolastika l-ġdida. Dakinhar mitluba li tidħlu min-naħa tal-Sports Complex.

Il-ġbir tal-kotba l-antiki, u t-tqassim tal-kotba l-ġodda se jsir hekk (mil-librerija):

| | | |
|---|---|---|
| 24 ta' Ġunju 8:00-11:00 | Yr 10.1-1.06 | Studenti jirritornaw il-kotba u jingħataw il-kotba tal-Yr 11 |
| 27 ta' Ġunju 8:00-11:00 | Yr 10.7-10.12 | Studenti jirritornaw il-kotba u jingħataw il-kotba tal-Yr 11 |
| 30 ta' Ġunju 8:00-11:00 | Yr 9.1-9.6 | Studenti jirritornaw il-kotba u jingħataw il-kotba tal-Yr 10 |
| 1 ta' Lulju 8:00-11:00 | Yr 9.7-9.13 | Studenti jirritornaw il-kotba u jingħataw il-kotba tal-Yr 10 |

Studenti tad-disa' u tal-għaxar sena li ma jirritornawx il-kotba kollha, mhux se jingħataw il-kotba tas-sena d-dieħla. Iridu jsibu l-kotba mitlufa jew inkella jħallsu għalihom.

**ĠBIR TA' FLUS**

Intom mitluba sabiex dakinhar tmorru wkoll fl-entratura tal-canteen tal-iskola biex isir il-ħlas bħala kontribuzzjoni għall-fotokopji li se jkollhom uliedkom matul is-sena skolastika 2022/23, għad-djarju u għar-rivista tal-iskola. Importanti li l-flus jitpoġġew f'borża tal-plastik trasparenti.

<u>Importanti tkunu tafu li r-rivista tal-iskola ta' din is-sena se titqassam bidu tas-sena skolastika li ġejja. Billi matul din is-sena skolastika l-lockers ma ntużawx, it-Eur 3 (*) tal-kirja ta' din is-sena se jitnaqqsu mill-ammont totali tas-sena d-dieħla</u>. B'hekk l-ammont totali li se jinġabar huwa ta' Eur 32.

# St BENEDICT COLLEGE

Skola Sekondarja
Triq il-Fdal Paleokristjani,
Ħal Kirkop KKP 1341, Malta
Tel: 25984400

Secondary School
Il-Fdal Paleokristjani Street,
Kirkop KKP 1341, Malta
Tel: 25984400

| **Qsim tal-Flus 2022-2023** | **Year 10** | **Year 11** |
|---|---|---|
| **Locker** | Lockers (€3) ma ntuzawx fl-21-22<br>€6 Pendenti | Lockers (€3) ma ntuzawx fl-21-22<br>€3 Pendenti |
| **Djarju tal-Iskola** | €5 | €5 |
| **Annwal Tal-Iskola** | €5 | €5 |
| **Fotokopji** | €25 | €25 |
| **Total** | €35 - €3* = **€32** | €35 - €3* = **€32** |

**ĠBIR TA’ DATA**

Mehmuż għandkom issibu applikazzjoni biex timlewha f’każ li kien hemm xi tibdil fid-dettalji tagħkom. Din tinġabar dakinhar stess.

**UNIFORMI TAL-ISKOLA**

Mehmuż għandkom issibu wkoll id-dettalji fuq l-uniformi tal-iskola, li tinkludi wkoll il-ġakketta tal-iskola. Dawn jistgħu jinxtraw m’għand Yorkie.

**RIŻULTATI ANNWALI**

Importanti tkunu tafu li r-riżultati annwali se jiġu ppublikati onlajn fuq il-MySchool. Iċċekjaw ukoll l-attivitajiet non-formali u l-attivitajiet informali. F’każ ta’ xi diffikulta’, agħmlu kuntatt mal-iskrivani tal-iskola.

**IBQGĦU AĠĠORNATI**

Importanti ħafna li matul il-vaganzi tas-sajf, l-istudenti jiċċekjaw kemm il-posta elettronika tal-iskola (iLearn), kif ukoll il-media soċjali tagħna. Se nibagħtu aktar korrispondenza, u tajjeb li jibqgħu aġġornati.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom.

Is-Sur A. Galea
Kap tal-Iskola